

31992L0080

L 316/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

31.10.1992

## ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 92/80/KEE

tad-19 ta' Ottubru 1992

## dwar it-tqarrib tat-taxxi fuq it-tabakk fabbrikat li mhux sigaretti

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 99 tiegħu,

## Artikolu 1

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew <sup>(2)</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Ekonomiku w Soċjali <sup>(3)</sup>,

Billi d-Direttiva nru 72/464/KEE <sup>(4)</sup>, tistabilixxi fit-Titolu I dispożizzjonijiet ġenerali dwar it-taxxa tas-sisa li jgħoddu għat-tabakk kollu fabbrikat; billi skond it-Titolu II, diġa ġew adottati dispożizzjonijiet speċjali għas-sigarretti; billi dispożizzjonijiet speċjali għat-tipi l-oħra ta' tabakk fabbrikat għad iridu jiġu adottati;

Il-gruppi li ġejjin ta' tabakk fabbrikat prodotti fil-Komunità w impurtati minn pajjiżi li mhumiex membri jaqgħu taħt, f'kull wieħed mill-Istati Membri, taxxa tas-sisa minima skond kif stabbilita fl-Artikolu 3:

- (a) sigarri w sigarillos;
- (b) tabakk maqtugħ fin maħsub għat-tgerbib tas-sigarretti;
- (c) tabakki oħra għat-tippjip.

## Artikolu 2

Billi d-Direttiva nru 79/32/KEE <sup>(5)</sup> stabbilit id-definizzjonijiet konnessi mad-diversi gruppi ta' tabakk fabbrikat;

Billi, biex jiġi stabbilit is-suq intern fl-1 ta' Jannar 1993, jeħtieġ li jiġu stabbiliti t-taxxi tas-sisa minimi fuq it-tabakk manifaturat li mhux sigarretti;

Billi għandha tiġi stabbilita inċidenza armonizzata ta' taxxa għall-prodotti kollha li jiffurmaw parti mill-istess grupp ta' tabakk fabbrikat;

## Artikolu 3

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva, id-definizzjonijiet imsem-mija fl-Artikolu 1 ikunu daww stabbiliti fl-Artikoli 2, 4 u 4a rispettivament tad-Direttiva nru 79/32/KEE.

Billi l-iffissar ta' taxxa tas-sisa minima fuq kolloxx imfissra bħala persentaġġ, bħala ammont għal kull kilogramm jew għal numru stabbilit ta' oġġetti huwa l-aktar xieraq biex jintlaħaq is-suq intern;

Billi r-Repubblika Taljana w r-Renju ta' Spanja għandhom jingħataw sal-31 ta' Diċembru 1998 il-possibilita ta' taxxa aktar baxxa fuq is-sigarri w s-sigarillos in konnessjoni ma' rombli ta' tabakk li jkunu jikkonsistu kompletament ftabakk naturali li mhumiex sigarretti;

Billi għandha tiddaħħal proċedura biex ir-rati jew l-ammonti stabbiliti f'din id-Direttiva jkunu jistgħu jiġu riveduti kull tant żmien fuq il-bażi ta' rapport tal-Kummissjoni li jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha xierqa;

Billi għandu jiġi ffissat mekkanizzmu biex l-ammonti speċifiċi mfissra f'ecu jkunu jistgħu jinqalbu fil-munita nazzjonali,

1. Mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1993, l-Istati Membri għandhom japplikaw taxxa tas-sisa li tista' tkun:

- jew dazju ad valorem ikkalkulata fuq il-bażi tal-ogħla prezz bl-immnut ta' kull prodott, stabbilit liberament mill-fabbrikanti stabbiliti fil-Komunità w mill-impurtaturi mill-pajjiżi li mhumiex membri skond l-Artikolu 5 tad-Direttiva nru 72/464/KEE,
- jew dazju speċifiku, skond il-kwantita,
- jew taħlita tat-tnejn, li tagħhaqqad flimkien element ad valorem u element speċifiku, sakemm it-taxxa tas-sisa fuq kolloxx imfissra bħala persentaġġ, bħala ammont għal kull kg jew għal numru stabbilit ta' oġġetti hija għallanqas daqs ir-rati jew l-ammonti minimi stabbiliti għall-:
  - sigarri w sigarillos: 5 % tal-prezz li li bih jinbigħu bl-immnut inklużi t-taxxi kollha, jew ECU 7 għal kull 1 000 oġġett jew għal kull kilogramm
  - tabakk maqtugħ fin maħsub għat-tgerbib tas-sigarretti: 30 % tal-prezz li bih jinbiegħ bl-immnut inklużi t-taxxi kollha, jew ECU 20 għal kull kilogramm
  - tabakk ieħor għat-tippjip: 20 % tal-prezz li li bih jinbiegħ bl-immnut inklużi t-taxxi kollha, jew ECU 15 għal kull kilogramm.

<sup>(1)</sup> ĠU C 12, tat-18.1.1990, p. 8.

<sup>(2)</sup> ĠU C 94, tat-13.1.1992, p. 38.

<sup>(3)</sup> ĠU C 225, ta' l-10.9.1990, p. 56.

<sup>(4)</sup> ĠU L 303, tal-31.12.1972, p. 1. Emendata l-aħħar bid-Direttiva nru 92/78/KEE (ara paġna 5 tal-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(5)</sup> ĠU L 10, tas-16.1.1979, p. 8.

2. Ir-rati jew l-ammonti msemmija fil-paragrafu 1 ikunu effettivi għall-prodotti kollha li jiffurmaw parti mill-grupp tat-tabakki fabbrikati in kwisjoni, mingħajr distinzjoni f'kull grupp għal dak li hija kwalità, dehra, orijini tal-prodotti, il-materjali wżati, il-karatteristiċi tad-ditti involuti jew kull kriterju ieħor.

3. Ir-Repubblika Taljana w ir-Renju ta' l-Ispanja jistgħu japplikaw sal-31 ta' Diċembru 1998 fuq rombli tat-tabakk li jikkonsistu għal kollox f'tabakk naturali li mhumiex sigarretti rata jew ammont li jista' jkun sa 50 % anqas mir-rata normali nazzjonali tat-taxxa tas-sisa fuq sigarri w sigarillos li jistgħu jaqgħu taħt ir-rata minima stabbilita fil-paragrafu 1.

#### Artikolu 4

Kull sentejn, u għall-ewwel darba mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1994, il-Kunsill, li jkun qed jaġixxi fuq il-bażi ta' rapport u, meta jkun xieraq, proposta mill-Kummissjoni, għandu jeżamina r-rata ta' dazju stabbilita hawnhekk u, li jkun qed jaġixxi b'mod unanimu wara li jkun ikkonsulta l-Parlament Ewropew, għandu jadotta l-miżuri meħtieġa. Ir-rapport mill-Kummissjoni w l-eżami mill-Kunsill għandhom jieħdu in konsiderazzjoni it-tħaddim xieraq tas-suq intern, il-valur reali tar-rati tad-dazju w l-għanijiet aktar wesgħin tat-Trattat.

#### Artikolu 5

1. Il-valur tal-ecu fil-muniti nazzjonali li għandu jiġi applikat għall-valur tat-taxxi tas-sisa speċifiċi jiġi ffissat darba fis-sena. Ir-rati li għandhom jiġu applikati għandhom ikunu dawk li jkunu fis-seħħ fl-ewwel jum utili ta' Ottubru u ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* u jibda jgħodd mill-1 ta' Jannar tas-sena tal-kalendarju li tkun ġeġja.

2. L-Istati Membri jistgħu jżommu l-ammonti tat-taxxi tas-sisa li jkunu fis-seħħ fiż-żmien ta' l-aġġustament ta' kull sena previst fil-paragrafu 1 jekk il-konverżjoni ta' l-ammont tat-

taxxi tas-sisa mfissra f'ecu jirriżultaw f'żieda ta' anqas minn 5 % jew ECU 5, liema wieħed jkun l-ammont aktar baxx, fit-taxxa tas-sisa mfissra fil-munita nazzjonali.

#### Artikolu 6

1. L-Istati Membri għandhom iqghedu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti w dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex iħarsu din id-Direttiva mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 1992. Huma għandhom fil-pront jinfirmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, (dawn il-miżuri) għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandu ikun hemm magħhom din ir-riferenza fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi ta' kif issir riferenza bħal din għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

#### Artikolu 7

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fl-Lussemburgu, fid-19 ta' Ottubru 1992.

Għall-Kunsill

Il-President

J. COPE